# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT

## DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 15 TA' FRAR 2002

**Numru 27**

**Avviz numru 1584/99DM**

**Elmo Insurance Services Limited, in rappresentanza tas-socjeta' estera Sun Alliance & London Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Olga Agapova u l-istess Olga Agapova**

**vs**

**Johann Desira**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici u l-attrici talbu l-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' erba' mija u tlettax-il lira disa' centezmi (Lm413.09c) in kwantu ghal tliet mija wiehed u disghin lira u disa' centezmi (Lm391.09c) lis-socjeta' attrici Elmo Insurance Services Limited nomine u in kwantu ghal tnejn u ghoxrin lira (Lm22) dovuti lill-attrici Alga Agapova, in linea ta' danni minnu kkagunati u minnhom sborsati in segwitu ghall-incident awtomobilistiku li gara Birkirkara fid-29 ta' April 1998 meta

waqt li kien qieghed isuq vettura Numru LAG-749 habat mal-vettura Numru IBA-943 propjeta' tal-attrici Olga Agapova li kienet ipparkjata, prevja d-dikjarazzjoni li ghal dan l-incident huwa kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-2 ta' Gunju 1998 u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' l-avviz, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut ghalkemm ipprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet tieghu fejn kien eccepixxa illi

1 Huwa bl-ebda mod ma kien responsabbli ghall-incident stradali imsemmi fl-avviz precitat, stante li ghal l-incident 'de quo' kienet unikament responsabbli s-sewwieqa tal-vettura IBA-943 minhabba negligenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess sewwieqa ta' IBA-943.

Fir-risposti ghad-domandi in subizzjoni huwa kien iddikjara li ma kienx involut f'ebda kollizzjoni mal-vettura ta' Olga Agapova, l-attrici;

Billi l-konvenut nonostante li rega gie mharrek ghas-subizzjoni tal-kapitoli ipprezentati; fit-12 ta' Frar 2002 ma deherx biex jirrispondi ghal dawn id-domandi in subizzjoni;

Issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma; anka wara li hadet ukoll konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u d-deposizzjoni tal-ufficjal li nvestiga

l-kaz,

Ghaldaqstant qeghda tilqa' t-talba attrici u prevja d-dikjarazzjoni illi ghall-incident in kwistjoni kien unikament responsabbli l-konvenut; qeghda tikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma komplessiva ta' erbgha mija u tlettax-il lira Maltin u disa' centezmi (Lm413.09c) kif indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b'effett mill-1 ta' Novembru 1999;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Magistrat

A. Farrugia
Dep.Reg.

va